**23 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Concetta Ellul pr. et ne.

*versus*

Carmelo Ellul

**Mara — Alimenti — Abbandun — Art. 6 u 32 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-mara hi obligata tgħammar ma' żewġha purkè dan jipprovdilha dar fejn tkun tista' tgħix deċentement u fil-kwiet, u mingħajr ma jkollha x'taqsam ma' nies oħra, speċjalment meta dawn jiddisturbaw il-paċi tagħha. Jekk ir-raġel jonqos minn dan l-obligu tiegħu, il-mara jkollha raġuni tajba biex tabbanduna d-dar konjugali mingħajr ma titlef id-dritt tagħha għall-alimenti kontra żewġha.*

*L-alimenti provviżorji jiġu akkordati fir-rata ta' dak li hu strettament neċessarju; imma ma humiex tali l-alimenti dovuti mir-raġel lill-mara in forza taż-żwieġ.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet illi l-konvenut ma għadux, minn żmien twil, jagħti manteniment għall-attriċi u għal bintu minuri Teresa, talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi dik ir-rata alimentarja, għaliha u għal binthom minuri Teresa Ellul, li jogħġobha tiffissa din il-Qorti, u bil-modalitajiet ta' lok u żmien li tiddetermina l-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut tinsab bażata fuq l-art. 6 tal-Kodiċi Ċivili; u mentri l-konvenut jippretendi illi l-attriċi telqet mid-dar konjugali mingħajr raġuni tajba, l-attriċi ssostni li hija telqet minħabba li l-konvenut

kien joqgħod ma' wliedu tal-ewwel żwieġ, li anqas ma kienu jittrattawha tajjeb, u dan barra t-theddid ta' żewġha;

Illi huwa magħruf li l-mara hija obligata tgħammar ma' żewġha, purkè dan jipprovdilha dar fejn tkun tista' tgħix deċentement u fil-kwiet, u mingħajr ma jkollha x'taqsam ma' nies oħra, speċjalment meta dawn jiddisturbaw il-paċi tagħha. "L'obbligo imposto alla moglie di convivere col marito è subordinato al dovere di questo di accoglierla in una residenza alla quale le sieno assicurate la dignità e la tranquillità di sposa" (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 133, § 38). U għalhekk il-mara tkun tista' titbiegħed mid-dar konjugali "pel fatto che convivono nella casa i parenti del marito, ed essi le manchino di quei riguardi che le sono dovuti, nè il marito intervenga a prevenire o riparare simili sconvenienze" (Fadda, op. e loc. ċit., § 39);

Din hija wkoll il-fehma ta' Chardon, li fuq l-awtorità tiegħu mmodellat ruħha l-ġurisprudenza tagħna. Jgħid dan l-awtur:— "La dimora nella quale la moglie è obbligata di seguire il marito debb'essere acconcia in modo da potervi accomodare la famiglia e vivere col marito senza contatto o miscela di altre persone. E' sufficiente che ella sia condannata a conformarsi ai gusti, alle abitudini, ed anche ai capricci di suo marito, ma non debbesi obbligarla a piegarsi alle altrui volontà. Vi sono tante varietà di caratteri che la vita comune, anche con coloro che si amano e si stimano, non si rende sopportabile se non a via di sacrifizi. In virtù di quale legge si potrebbe obbligare la moglie a vivere con tutti coloro fra i quali piacesse a suo marito che ella confondesse la sua esistenza? Non ve n'è alcuna" (Trattato Delle Tre Potestà, Parte I, § 24);

F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati (Kollez. VII, 547; u IX, 832);

Illi ma ġiex kontestat li meta l-kontendenti żżewġu, fid-dar konjugali baqgħu sitta mis-sebgħat itfal tal-konvenut, il-kura tad-dar baqgħet f'idejn bintu Maria, u huwa kien jagħti l-flus lilha . . . . Di pjù, ħmistax il-ġurnata wara ż-żwieġ, il-konvenut imminaċċja lill-attriċi li jagħtiha daqqa ta' ponn fuq rasha; huwa kien igergrilha . . . . ;

Illi l-Qorti taħt dawn iċ-ċirkustanzi, hija tal-fehma illi l-attriċi, minħabba speċjalment li ma sabetx fid-dar il-kwiet li kien jistħoqqilha, kienet ġustifikata tabbanduna d-dar konjugali. Xejn ma jiswa illi l-konvenut insista biex terġa tmur miegħu (ċirkustanza din miċħuda mill-attriċi), għaliex huwa baqa' joqgħod f'dik id-dar ma' wliedu, u ma offriex lill-attriċi dar xierqa fejn hija ma kienx ikollha nkwiet (Kollez. XXXVII-I-130);

Illi l-atteġġjament tal-konvenut, sadattant, ikompli jsaħħaħ l-assunt tal-attriċi. Huwa kien imur għandha spiss, ġie li anki tliet darbiet fl-istess ġurnata, mingħajr ebda raġuni oħra ħlief biex joqgħod magħha, kien jibqa' hemm għal diversi sigħat, u kien ikollu magħha relazzjonijiet intimi. Dan ifisser illi huwa kien akkwijexxenti għall-fatt li l-attriċi kienet tbegħdet mid-dar konjugali; u għalhekk ma jistgħax il-lum jinvoka favur tiegħu l-pretiż abbandun (Kollez. XXIX-II-539; XXXVII-II-698);

Illi, konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostnuta;

*Omissis;*

Illi, rigward it-talba alimentarja, il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, hija tal-fehma li r-rata provviżorja ġa dekretata jistħoqqilha titbiddel, peress li dik ir-rata saret bis-saħħa tal-art. 32 (Kod. Ċiv.), li jikkontempla alimenti strettament neċessarji, mentri mhumiex tali almenu dawk dovuti mill-konvenut lill-attriċi in forza taż-żwieġ;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet opposti mill-konvenut;

U tilqa' t-talba tal-attriċi proprio et nomine, u tikkundanna lill-konvenut iħallsilha pensjoni alimentarja ta' £2. 16. 0d. fil-ġimgħa, jiġifieri 14s. għall-minuri Teresa Ellul u l-kumplament għall-attriċi Concetta Ellul; u dan bil-quddiem mil-lum, fir-residenza tal-istess attriċi.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.